

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

17.6.2008

B6-0305/2008 }
B6-0310/2008 }
B6-0311/2008 }
B6-0312/2008 } RC1

MOZZJONI KONĠUNTA GĦAL RIŻOLUZZJONI

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

- Carmen Fraga Estévez u Cornelis Visser, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Heinz Kindermann u Rosa Miguélez Ramos, f'isem il-Grupp PSE
- Philippe Morillon u Elspeth Attwooll, f'isem il-Grupp ALDE
- Seán Ó Neachtain, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PPE-DE (B6-0305/2008)
- ALDE (B6-0310/2008)
- PSE (B6-0311/2008)
- UEN (B6-0312/2008)

dwar il-kriżi fis-settur tas-sajd minħabba ż-żieda tal-prezzijiet taż-żejt użat bħala fjuwil

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi tas-settur tas-sajd minħabba ż-żieda fil-prezz tal-fjuwil

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd¹,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2006 lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib tal-qagħda ekonomika ta' l-industrija tas-sajd (COM(2006)0103),
 - wara li kkunsidra l-Konferenza organizzata mill-Kummissjoni u li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Mejju 2006 dwar teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għas-Sajd (A6–0266/2006 u A6–0467/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kriżi attwali li qed iħabbat wiċċu magħha l-industrija tas-sajd Komunitarja hija kawża taż-żieda kostanti fil-prezz tal-fjuwil, li żied b'aktar minn 300% fl-aħħar ħames snin u b'aktar minn 40% minn Jannar ta' l-2008,
- B. billi l-prezzijiet tal-prodotti tas-sajd huma simili għal dawk ta' għoxrin sena ilu u billi, fil-każ ta' ċertu speċijiet, kien hemm tnaqqis konsiderevoli – sa 25% mill-bidu tas-sena – minħabba dħul massiv ta' importazzjonijiet minn sajd illegali,
- C. billi fis-settur tas-sajd, għall-kuntrarju ta' setturi oħra ta' l-ekonomija, il-prezz tal-fjuwil ma jistax jaffettwa l-prezz ta' l-ewwel bejgħ tal-prodotti tiegħu, peress li fis-sitwazzjoni attwali s-sajjieda ma jistgħux jiffissaw il-prezzijiet,
- Billi ż-żieda fil-prezzijiet qed ikollha effetti diretti u indiretti fuq id-dħul ta' l-ekwipaġġi, minħabba r-rabta bejn il-pagi u d-dħul mill-ewwel bejgħ tal-qabda;
- G. billi din is-sena d-dħul tas-sajjieda fl-UE niżel, minkejja l-fatt li s-sajjieda ġarrbu l-ispejjeż li żdiedu;
- D. billi, minkejja l-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni fis-seħħ u minkejja sensiela ta' aġġustamenti mill-ġdid tan-negozji, minħabba li t-tiżżin kontinwu ta' din il-kriżi wassal biex ħafna kumpaniji ma baqgħux finanzjarjament vijabbli u intrapriżi oħra tas-sajd spiċċaw f'sitwazzjonijiet ta' riskju kbir, li qed iwassal għal għadd ta' dimostrazzjonijiet ta' protesta f'ħafna Stati Membri,
- E. billi jeħtieġ li jsir investiment serju, kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livell nazzjonali, f'teknoloġiji ġodda sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-bastimenti tas-sajd, kif ukoll f'mezzi biex titnaqqas id-dipendenza tagħhom mill-fjuwils fossili,

¹ ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

H. billi ċerti Stati Membri niedew skemi mmirati biex jonqos il-konsum tal-fjuwil mill-flotot tagħhom u billi dawn l-innovazzjonijiet għandhom jiġu appoġġjati,

Billi l-UE impenjat ruħha biex tnaqqas konsiderevolment l-emissjoni tal-gassijiet serra skond il-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija u billi s-settur ta' l-industrija tas-sajd jista' jikkontribwixxi f'dan l-isforz;

F. billi s-soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni tista' tinstab biss jekk jittieħdu miżuri serji kemm f'livell nazjonali kif ukoll f'livell Ewropew għall-futur qarib, medju u mbiegħed,

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mas-sajjeda u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jipprevedu miżuri biex isolvu l-qagħda preżenti fis-settur tas-sajd;
2. Jistieden lill-Istati Membri biex iħaffu l-proċeduri li jippermettu l-pagament ta' għajjnuna skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 ta' l- 24 ta' Lulju 2007 dwar għajjnuna de minimis fis-settur tas-sajd¹;
3. Itenni f'dan il-kuntest it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-regolament imsemmi hawn fuq sabiex iżżid l-għajjnuna għal EUR 100,000 għal kull bastiment minflok għal kull impriża, sabiex il-livell ta' għajjnuna jiġi eqreb il-livell ta' setturi ekonomiċi oħra;
4. Jiġbed l-attenzjoni ta' l-Istati Membri għad-direttivi Komunitarji ġodda dwar s-sussidji statali fis-settur tas-sajd u fl-akwakoltura, li jippermettu eżenzjoni mit-taxxa u tnaqqis ta' l-ispejjeż soċjali għall-bastimenti Komunitarji li joperaw 'il barra mill-ibħra tal-Komunità, u jitlob sabiex dawn il-miżuri jiġu applikati għal dawk il-bastimenti li jressqu t-talba għalihom;
5. Ifakkar li, flimkien maż-żieda fil-prezz taż-żejt, wieħed mill-ilmenti l-aktar rikurrenti tal-flotta tas-sajd rigward it-tnaqqis tal-prezz tal-prodotti tagħha huwa minħabba l-importazzjoni kbira ħafna ta' prodotti tas-sajd bi prezzijiet baxxi mis-sajd illegali, u għaldaqstant jinsisti li:
 - (a) il-kunsill jaġixxi b' mod responsabbli billi jadotta d-direttiva futura kontra s-sajd IUU, sabiex jissaħħu u jittejbu l-kontrolli fuq importazzjonijiet mis-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat;
 - (b) jiġu intensifikati u mtejba l-kontrolli fuq prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi sabiex ikun żgurat li l-istess standards japplikaw kemm fuq prodotti importati u fuq prodotti mill-Komunità;
 - (c) tittejjeb u tiżdied l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-prodotti tas-sajd, u, fuq kolloxx, li f'kull każ jiġi ggarantit u kkontrollat l-użu obligatorju tat-tikketta ta' tagħrif, u li l-frodi fl-ittikkettar tal-prodotti tkun indirizzata kif xieraq;
6. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq, mill-aktar fis possibbli, il-proposta tagħha għar-reviżjoni ta' l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq tal-prodotti tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-proposti tal-Parlament Ewropew, bil-għan li s-sajjeda jkun jista' jkollhom aktar responsabilità fl-iffissar tal-prezzijiet, biex b'hekk ikun iggarantit id-dħul fis-settur, tkun żgurata l-istabilità tas-suq, tittejjeb il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u jiżdied il-

¹ ĠU L 193, 25.7.2007, p. 6.

valur miżjud iġġenerat;

7. Jitlob sabiex il-pjanijiet ta' aġġustament tal-flotta tas-sajd jiddaħħlu fis-seħħ fl-Istati Membri kollha u sabiex jingħataw il-mezzi finanzjarji meħtieġa sabiex il-flotot jiġu rristrutturati b'mod volontarju. għal dan l-għan:
 - (a) jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi kriterji ta' prijorità għal dawk l-oqsma tal-flotta li l-aktar intlaqtu mill-kriżi;
 - (b) iqis li huwa ferm importanti li l-Programmi Operazzjonali nazzjonali tal-Fond Ewropew għas-Sajd ikunu riveduti sabiex ikun jista' jkun hemm infiq aktar immirat;
 - (c) jappella għall-għajjnuna permezz ta' bidla ta' darba fit-tagħmir tas-sajd li jwassal għal metodi utas-sajd li jiddependi anqas fuq il-fjuwil;
 - (d) jinkuraġġixxi x-xiri ta' tagħmir li jtejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposti dwar skemi ta' kumpens fuq 7 snin għat-tnaqqis tas-CO2 fis-settur tas-sajd, ibbażati fuq il-prezz attwali ta' €25 kull tunnellata ta' CO2
9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-ħolqien ta' fond speċifiku għar-riċerka u l-iżvilupp immirat lejn l-industrija tas-sajd, fi ħdan is-7 Programm ta' Qafas R&D, biex jgħin il-finanzjament ta' proġetti bil-għan li jsir studju dwar sorsi alternattivi ta' l-enerġija u t-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija fis-settur tas-sajd;
10. Iqis li l-konverżjoni u d-diversifikazzjoni tat-tagħmir tas-sajd jistgħu jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza ta' l-enerġija fis-settur tas-sajd;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkonsultaw b'mod wiesa' mas-settur tas-sajd u ma' partijiet interessati oħrajn biex jissolleċitaw l-ideat tagħhom dwar l-aqwa modi biex jinkiseb dan l-objettiv, filwaqt li jirrikonoxxi li s-sitwazzjoni, u għaldaqstant is-soluzzjonijiet mhux neċessarjament se jkun l-istess fl-industrija tas-sajd jew fir-reġjuni kollha;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfassal proposti speċifiċi biex tittaffa s-sitwazzjoni fl-oqsma li jiddependu l-aktar mis-sajd;
13. Jitlob għall-ħolqien ta' djologu bejn tlieta fuq livell Ewropew bejn il-partijiet kollha kkonċernati (l-amministrazzjonijiet pubbliċi, it-trejdjunjins u s-sajjieda) biex jindirizzaw il-problemi strutturali tas-settur, li jmorru lil hinn mill-kriżi tal-prezz taż-żejt, u jagħtu prijorità lill-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda;
14. Jitlob li waqt il-Kunsill tal-Ministri tas-Sajd li jmiss, li se jsir fit-28 ta' Ġunju 2008, din il-kwistjoni tiġi diskussa bħala prijorità u li jiġu adottati l-miżuri meħtieġa biex tissolva din il-kriżi;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej tas-sajd.